*- BEJGH TA' STOCK -*

*- INTERPRETTAZZJONI TA' SKITTURA -*

*- BEJGH FUQ DAK LI TARA B'GHAJNEJK -*

*- APPREZZAMENT TA' PROVI -*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Hamis 31 ta' Mejju 2001**

**Kawza Numru: 32**
**Citazzjoni Numru: 2687/96/RCP**

**Gerald Formosa u Martu Victoria Salvina sive Vivienne**

**vs**

**Simon Scerri u martu Josephine nee Mintoff u Jesmond Xerri u Martu Marthese nee Pace**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-konvenuti ghandhom jaghtu lill-atturi s-somma ta' Lm5,000 (hames t'elef lira maltin) dovuti bhala parti minn prezz ta' bejgh ta' *stock* li jikkonsisti f'oggetti li ghandhom x'jaqsmu man-negozju ta' *stationary* u *bazaar*, oggetti ta' l-ghamara u mobbli u l-attrezzi kollha li kien hemm fil-hanut maghruf bhala "May" f'Saint Francis Street, Hal-Balzan u dan *ai termini* ta' skrittura privata datata 4 ta' Marzu 1996 (Dok.A), u

Illi l-partijiet kienu ftehmu fuq il-prezz ta' Lm8,000 (tmien t'elef lira Maltin) u l-konvenuti obbligaw ruhhom li jhallsu lill-bejjiegha fi tlett pagamenti, u cioe` Lm1,000 (elf lira Maltin) jithallsu sa l-ahhar ta' Marzu 1996; Lm2,000 (elfejn lira maltin) jithallsu sa l-ahhar ta' April 1996; u Lm5,000 (hames t'elef lira Maltin) jithallsu sa Mejju 1996 u dan *ai termini* tal-iskrittuna privata fuq imsemmija, u

Illi l-konvenuti hallsu l-ewwel tlett elef lira (Lm3,000) u f' Lulju 1996 baghtu *"cheque*" ta' Lm3,300 ghas-*saldu* tal-kreditu dovut lill-atturi, liema *cheque* gie rifjutat stante li ma kienx ikopri l-ammont dovut skond l-istess skrittura, u

Illi minkejja interpellati, l-konvenuti baqghu inadempjenti,

L-istess atturi talbu li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m' ghandiex: -

1. Tikkundanhahom ihallsu lill-atturi s-somma ta' Lm5,000 (hames t'elef lira maltin) dovuti bhala bejgh ta' *stock* li jikkonsistu f'oggetti li ghandhom x'jaqsmu man-negozju ta' *stationary* u bazaar, oggetti ta' l-ghamara u mobbli u l-attrezzi kollha li kien hemm fil-hanut mgharuf bhala "May" f'Saint Francis Street, Hal-Balzan kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijet premessi.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittri ufficjali datati 2 ta' Mejju 1996 u 4 ta' Gunju 1996 u bl-imghaxijiet kummercjali mill-ahhar ta' Mejju 1996, kontra konvenuti li jibqghu ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 4 sa 7 tal-process;

Rat il-verbali tal-25 ta' Settembru 1997, tas-27 ta' Novembru 1997.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti a fol 14A tal-process fejn gie eccepit:

(1) Illi fl-ewwel lok il-bilanc attwalment dovut lill-atturi huwa ta' elf seba' mija u erbgha u tletin lira (LM1,734.00) u mhux ta' hamest elef lira (LM 5,000) kif allegat.

(2) Illi subordinatament u minghajr pregiudizju ghall-premess, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt ghaliex in segwitu tal-iskrittura privata tal-4 ta' Marzu 1996 irrizulta illi l-mobbli u l-oggetti inkluzi fil-bejgh in kwisljoni ma kienux jappartjenu lill-atturi u l-esponenti kienu kostretti li jergghu jakkwsitaw u jhallsu ghal dawn l-oggelti u attrezzaturi minghand is-sidien attwali taghhom bil-prezz ta' elf u mitejn lira (LM1,200). Ghaldaqstant l-esponent jippretendi li jigi l-prezz pattwit mal-atturi ghandu jitnaqqas in linea ta' danni minnu sofferti u qieghed jippresenta kontestwalment talba rikonvenzjonali.

(3) Illi subordinatament u minghajr pregiudizzju ghall-premess, jigi rilevat ukoll illi irrizulta illi l-i*stock* konsenjat lill-eccippjenti kien ferm anqas minn dak muri lilhom matul in-negozjati li saru qabel il-bejgh u kien propju ghalhekk illi l-esponenti zammu lura pagament ta' elf seba' mija u erbgha u tletin lira (LM1,734.00) liema ammont jirrispekkja il-valur tal--i*stock* nieqes li ma giex konsenjat lilhom.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti a fol 15 tal-process;

Rat it-talba rikonvenjonali tal-konvenuti a fol 16 tal-process fejn gie eccepit:

Illi skond skrittura privata tal-4 ta' Marzu 1996 il-konvenuti xtraw minghand l-atturi l-i*stock* kollu gol-hanut maghruf "Panelrama" fi Triq San Frangisk, Hal Balzan, liema *stock*

kien jinkludu ukoll oggetti tal-ghamara mobbli u attrezzi kollha, kollox inkluz u xejn eskluz, fl-istess hanut u dan versu l-prezz pattwit ta' tmien t'elef lira (LM8,000);

Illi in segwitu tal-fuq imsemmi ftehim u l-konsenja tac-cwievet relattivi, irrizulta li l-i*stock* in kwistjoni kien ferm anqas minn dak li kien originarjament muri lill-esponenti tant illi filwaqt illi l-atturi kienu accertawhom illi kien hemm b'kemm jiswa erbatax-il elf (LM14,000) lira *stock "at cost*", l-esponenti sabu biss *stock* b'valur ta' cirka sitt elef u tlett mitt lira (LM6,300) kif jigi pruvat ahjar matul il-kawza;

Illi jirrizulta ukoll illi l-oggetti mobbili u attrezzi fl-imsemmi hanut ma kienux jappartjenu lill-attur izda lis-socjeta Rabat Plant Limited u liema oggetti l-esponenti kienu kostretti jixtru minghand l-istess sidien versu l-prezz ta' elf u mitejn lira (LM1,200);

Illi li kieku il-fatti fuq premessi rrizultaw qabel ma gie konkjuz il-ftehim l-istanti ma kienux jacettaw l-prezz pattwit ta' tmien t'elef lira (LM8,000) u huwa evidenti li kwantu ghall-oggetti mobbili l-atturi naqsu li jiggarantixxu l-pacifiku pussess u/jew agixxew b'mod zbaljat u/jew dubjuz bil-konsegwenza illi l-esponenti sofrew danni;

L-istess konvenuti rikonvenzjonanti talbu ghalhekk l-atturi jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-oggetti mobbili, ghamara u attrezzi li gew konsenjati lilhom mill-atturi fil-hanut

"Panelrama", Triq San Frangisk, Hal Balzan, fid-data tal-iskrittura tal-4 ta' Marzu 1996 kienu jappartjenu lil terzi u mhux lill-atturi prevja jekk ikun mehtieg dikjarazzjoni illi l-atturi naqsu li jiggarantixxu l-pacifiku pussess ta' dawn il-mobbli u/jew li l-atturi agixxew b'ghemil doluz u/jew zbaljat;

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-kumplament tal-*istock* fl-istess hanut kien inferjuri fil-kwantitajiet tieghu ghal dak pattwit bejn il-kontendenti;

3. Tirriduci il-prezz pattwit fl-imsemmija skrittura, okkorrendo in linea ta' likwidazzjoni ta'danni rappresentanti kemm il-valur tal-oggetti u mobbli in kwistjoni li ma kienux jappantjenu lill-atturi kif ukoll l-parti l-ohra tal-*istock* li rrizultaw neqsin mal-konsenja tac-cwievat tal-imsemmi hanut;

4. Tikkundanna lill-atturi ihallsu lill-istanti dik is-somma stabbilita u likwidata skond it-tielet talba;

Bl-ispejjez kontra l-atturi ngunti biex jidhru personalment in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti rikonvenzjonati a fol 17 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-atturi ghat-talba rikonvenzjonali tal-konvenuti fejn eccepew:

(1) Illi t-talbiet tal-konvenuti huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-valur veru ta' lis-"*Stock*" inkluz ghamara mobbli u

attrezzi tal-atturi kien ferm superjuri mill-prezz pattwit bejn il-partijiet ta' tmint elef lira maltin (Lm8,000), kif jigi ppruvat ahjar matul il-kawza.

(2) Illi l-partijiet ftehmu fuq il-prezz ta' tmint elef lira ta' Malta (Lm8,000) wara illi l-konvenuti kienu spezzjonaw il-kwantita' ta' *"stock"* li kien hemm fil-hanut bl-isem "Panelrama" tlett darbiet qabel ma gie konkluz in-negozju.

(3) Illi l-atturi kienu indikaw carament lill-konvenuti liema ghamara kienet tappartjeni lilhom u liema kienet tappartjeni lis-socjeta' Rabat Plant Limited, kemm meta kienu saru l-ispezzjonijiet fil-hanut u anki meta l-partijiet kienu ghamlu l-iskrittura datata 4 ta' Marzu 1996 ricevuta minn Nutar Carmel Martinelli, kif jista' jikkonferma bil-gurament in-Nutar stess u anki kif jidher mid-dokument datat 21 ta' Dicembru 1996 hawn anness bhala Dok SS1.

(4) Illi mhux minnu illi mal-konsenja tac-cwievet kien hemm anqas *stock* kif qed jallegaw il-konvenuti. Fil-fatt, meta l-partijiet kienu qabblu fuq il-prezz ta' tmien t'elef lira maltin (Lm8,000) dawn kienu fil-hanut 'Panelrama' u ghalhekk kieku lis-"*stock"* kien naqas dan kien ikun evidenti ghall-konvenuti.

Salvi eccezzjonjiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni ta' Gerald Formosa fol 21 tal-process.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 22 sa 24 tal-process.

Rat il-verbali tal-10 ta’ Marzu 1998, tat-29 ta’ Ottubru 1998 fejn Dr. Louis Cassar Pullicino ta’ ruhu notifikat bic-citazzjoni u avviz tas-smigh tal-kawza ghan-nom tal-konvenuti Jesmond u Marthese konjugi Scerri, fil-waqt li Dr. Sladden tat ruhha notifikata ghall-atturi bil-kontro-talba tal-istess konvenuti, u fejn il-kawza giet differita ghas-17 ta’ Frar 1999.

Rat in-nota tal-atturi tat-2 ta’ Frar 1999 fejn ipprezentaw l-affidavit ta’ Gerald Formosa u d-dokumenti esebiti (fol 18a sa 44).

Rat in-nota tal-atturi tat-2 ta’ Frar 1999 fejn ipprezentaw l-affidavit ta’ Victoria Salvina sive Vivienne Formosa u d-dokumenti esebiti (fol 45a sa 49).

Rat il-verbal tas-17 ta’ Frar 1999, tat-18 ta’ Ottubru 1999 fejn il-kawza giet differita ghas-7 ta’ Jannar 2000.

Rat in-nota tal-atturi tat-18 t’Ottubru 1999 fejn ipprezentaw l-affidavit tan-Nutar Dr Carmel Martinelli u d-dokumenti esebiti (fol 56 sa 60).

Rat in-nota tal-atturi tas-7 ta’ Jannar 2000 fejn ipprezentaw l-affidavit ta’ Dr Joseph P Bonello (fol 61 u 62).

Rat il-verbali tas-7 ta’ Jannar 2000 fejn Dr Sladden iddikjarat li m’ghandiex provi aktar, tal-31 ta’ Mejju 2000, tal-31 t’Ottubru 2000 fejn din il-kawza bdiet tigi mismuha minn din il-Qorti kif prezentament ippresjeduta, tat-12 ta’ Dicembru 2000

fejn il-konvenuti u d-difensur taghhom msejhin diversi drabi baqghu ma dehrux. Dr Sandra Sladden ghall-atturi talbet li l-kawza tibqa' ghas-sentenza. Il-Qorti wara li rat il-verbal tal-31 t'Ottubru 2000 fejn Il-kawza giet differita ghall-provi kollha tal-konvenuti li la dehru u lanqas resqu xhieda, laqghet it-talba u ddifferiet il-kawza ghas-sentenza ghat-22 ta' Frar 2001.

Rat ir-rikors tal-konvenuti tal-1 ta' Jannar 2001 u r-risposta tal-atturi tal-25 ta' Jannar 2001 u d-digriet taghha tal-1 ta' Frar 2001 fejn laqghet it-talba u ssospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza, b'dan li l-konvenuti jipprezentaw l-affidavits tax-xhieda kollha taghhom fi zmien hmistax-il (15) gurnata bil-visto/notifika lid-difensur tal-kontro-parti u li jressqu x-xhieda taghhom *viva voce* ghas-seduta tat-22 ta' Frar 2001 b'mod li l-provi tal-konvenuti jigu konkluzi dakinhar.

Rat in-nota tal-konvenuti tas-16 ta' Frar 2001.

Rat l-affidavit ta' Jesmond Xerri u d-dokumenti hemm esebiti (fol 78 sa 162).

Rat il-verbal tat-22 ta' Frar 2001 fejn il-kawza giet differita ghall-konkluzzjoni tal-provi tal-partijiet u biex isir il-kontro-ezami tal-konvenut ghat-2 ta' Mejju 2001.

Rat il-verbal tat-2 ta' Mejju 2001 fejn xehed Jesmond Scerri, l-konvenut. Id-difensuri qablu li m'ghandhomx provi aktar u trattaw il-kaz. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-31 ta' Mejju 2001.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

(A) L-AZZJONI ATTRICI.

Illi din l-kawza saret mill-atturi stante li qed isostnu li l-konvenuti ghandhom jaghtuhom l-ammont ta' Lm5,000 bilanc minn somma akbar rappresentanti prezz ta' *stock* ta' negozju ta' *stationery* u *bazaar,* oggetti tal-ghamara u mobbli u attrezzi li kien hemm fil-kanut "May", f'St. Francis Street, Hal-Balzan.

Illi in effetti in sostenn tal-istess pretensjonijiet taghhom l-atturi pprezentaw skittura privata datata 4 ta' Marzu 1996 redatta minn Nutar Carmelo Martinelli (Dok. "A" - fol.5) fejn jinghad li l-konvenuti xtraw minghand l-atturi l-istess imsemmi *"stock kollu li jikkonsisti f'oggetti li ghandhom x'jaqsmu man-negozju ta' stationery u bazaar, oggetti ta' l-ghamara, u mobbli u l-attrezzi kollha li jezistu, kollox inkluz u xejn eskluz, fil-hanut maghruf u registrat bhala 'Panelrama' liema hanut igib l-isem "May" f'St. Francis Street, Hal Balzan".*

Illi fl-istess skritttura jinghad ukoll li:-

*"Il-bejjiegha jiggarantixxu li l-istock u l-oggetti l-ohra kollha oggett ta' dan il-bejgh li jinsabu llum fil-hanut fuq imsemmi huma proprjeta' taghhom u li terzi persuni m'ghandhom ebda 'claim' jew pretensjoni ohra fuqhom".*

*"L-istock, l-ghamara u l-oggetti kollha li hemm fil-hanut qieghdin jigu trasferiti 'tale quale', jigifieri kif diga raw ix-xerrejja".*

Illi l-kontestazzjoni odjerna qamet peress l-konvenuti qed isostnu zewgt' affarijiet u cioe`:-

(a) li l-ghamara li fil-fatt kienet inkluza f'tali bejgh, parti minnha kienet tappartjeni lill-terzi, u fil-fatt l-konvenuti kellhom ihallsu l-ammont ta' Lm1,200 sabiex jakkwistaw l-istess; u

(b) l-istokk ikkonsenjat lill-eccipjenti kien ferm inqas minn dak muri lilhom matul in-negozjati tal-bejgh.

Illi dwar it-tieni lamentela tal-konvenuti jinghad li jidher li l-partijiet qabblu li dwar l-*istock* konsistenti f'oggetti konnessi man-negozju ta' *stationery u bazaar* ma sar ebda inventarju qabel ma sar il-bejgh, u lanqas meta giet iffirmata l-iskrittura datata 4 ta' Marzu 1996, u lanqas jidher li l-istess bejgh kien gie bbazzat fuq xi forma ta' dokumenti, izda biss fuq dak li l-atturi urew lill-konvenuti fil-hanut stess.

Illi ineffetti l-istess **attur** sostna li l-ewwel ma' ltaqa' mal-konvenuti kien dak in-nhar stess li cempel l-ewwel darba l-

konvenut, fejn l-attur talbu *"Lm14,000 bl-istock li qed tara b'ghajnejk".* Rega' iltaqa' mal-konvenut Simon Scerri wara xi gimgha, rega' ra l-i*stock*, u l-attur nizzel il-prezz ghall-Lm12,500. Wara xi gimghatejn Simon Scerri mar ghand l-attur biex ghal darba ohra jara l-i*stock*, u wara diversi negozjati qabblu fuq l-prezz ta' Lm8,000, u kif wasslu ghal dan il-ftehim qabblu wkoll li jaghlqu l-istess hanut b'zewgt' icwievet wiehed tal-hanut stess u c-cavetta inzammet mill-attur, u l-iehor permezz ta' kaltnazz li pprovda l-istess konvenut Simon Scerri, b'mod li l-hanut ma setghax jinfetah hlief mit-tnejn flimkien.

Illi l-konvenut kellu jmur ghand in-Nutar Martinelli sabiex jirrangalu ghall-flus ta' tali bejgh, u wara li ghaddew xi gimghat sabiex l-konvenuti jirrangaw l-affarijiet taghom, il-partijiet ftehmu fuq modalita' ta' pagamenti tal-istess prezz, u peress li l-attur xtaq li dan kollu jitnizzel in iskritt, Simon Scerri stess qallu biex imorru ghand in-Nutar Carmel Martinelli kif fil-fatt ghamlu, u sadanitant l-attur laqqa' lill-konvenuti mas-sid tal-hanut Charles Micallef, stante li l-istess konvenuti kienu interressati li jixtru l-hanut ukoll, u fil-fatt kienu ftehmu quddiemu dwar il-bejgh tal-istess hanut.

Illi dan jinsab ikkorroborat minn mart l-istess attur **Victoria Formosa** fl-affidavit taghha tat-2 ta' Frar 1999, fejn hija wkoll spjegat li anke wara li sar il-kuntratt u regghu marru l-hanut il-konvenuti ccekjaw ukoll l-i*stock* li kien hemm.

Illi min-naha l-ohra l-**konvenut Jesmond Xerri** sostna li ra avviz dwar l-istess hanut, mar ma huh jara l-*istock,* u peress

li l-konvenuti kienu interessati li jixtru l-hanut ukoll, l-attur qalilhom li jekk jixtru l-i*stock* tieghu huwa ilaqqahom mas-sid, u fil-fatt ftehmu ukoll prezz tal-istess bejgh. Skond dan ix-xhud *"f'temp ta' jumejn"* wasslu ghall-bejgh tal-*istock* tal-istess hanut, ghalkemm huwa sostna li huwa ried jghodd l-*items* individwali u jsir qbil fuq l-prezz taghhom, izda l-attur ma riedx, u ghalhekk ftehmu dwar il-prezz, skond l-konvenut abbazi tal-fatt li l-attur sostna li l-prezz tal-istess *stock* kien ta' Lm14,000, li jitnaqqas il-VAT fuqu, u l-konvenuti jiehduh nofs prezz.

Illi l-istess konvenut sostna li *"il-ftehim gie konkluz bil-prezz ta' tmien t'elef lira (LM8,000) minghajr ma jiena qatt gejt muri xi karti li Geraldu Formosa qal li kellu dwar l-istock jew li ghamilna xi verifika biex qabbilna dawn il-karti mal-istokk tal-hanut".*

Illi skond l-istess konvenut f'Marzu stess ghamlu *"stock take"* u skond huwa irrizulta li l-ammont ta' *stock* bil-VAT inkluz kien ta' Lm6,000 skond id-dokumenti esebiti bhala Dok. JS 2., u din holqitlu problema mad-Dipartiment tal-VAT stante li skond huwa ma kienx f'posizzjoni li jhallas l-VAT fuq l-i*stock* li kellu nieqes, u fil-fatt ikkonferma mal-ufficjal tal-VAT li la darba l-*istock* inxtara *"lock, stock, and barrel"* ma kien hemm la hlas u lanqas rifuzzjoni tal-VAT.

Illi mela fl-opinjoni ta' din il-Qorti, jirrizulta car mill-istess xhieda tal-konvenut Jesmond Xerri li l-ftehim fuq l-*istock* kien pjenament ibbazat fuq dak li l-istess konvenuti raw fl-istess hanut fuq ghajnejhom, u mhux fuq xi kalkoli, dokumenti jew

rendikont li ghamlu l-partijiet, tant li fil-fatt hemm ftehim bejn il-partijiet li ma sar l-ebda ezercizzju iehor hlief li l-konvenuti spezzjonaw materjalment f'almenu tlett okkazzjonijiet differenti l-*istock* li kien fil-hanut, u tali ftehim ma kien suggett ghall-ebda verifika ulterjuri.

Illi infatti fi kliem l-istess attur l-akkordju kien mill-ewwel ibbazat fuq dak li l-konvenuti jaraw b'ghajnejhom, u li fuq tali *stock* ma kien hemm ebda dejn. Dwar dan, l-istess konvenut Jesmond Xerri jaqbel perfettament stante li huwa stess sostna li meta mar biex ikellem lill-ufficjal tad-Dipartiment tal-VAT, huwa iddeskriva l-istess negozju bhala *"lock, stock and barrel",* u allura ma jirrizulta li hemm l-ebda dubju li n-negozju li sar bejn il-kontendenti sar biss abbazi tal-*istock* li effettivament l-istess konvenuti gew murija fl-istess hanut, bla ebda kalkoli jew verifiki ulterjuri. Dan huwa wkoll ikkonfermat mill-fatt, mhux kontestat mill-konvenuti, li hekk kif sar il-ftehim, il-hanut intalaq miz-zewg partijiet b'mod li l-ebda parti ma setghet taccedi ghall-istess minghajr il-parti l-ohra, u dan isahhah it-tezi tal-atturi, li l-bejgh kien ibbazzat purament fuq dak li kien hemm fl-istess hanut *punto u basta.*

Illi jista' jkun li l-konvenuti xtaqu li jaghmlu *stock taking,* u forsi llum qed jahsbu li kien misshom ghamlu dan; pero' dan xejn ma jbiddel mill-fatt, li l-ftehim ma kienx ibbazat fuq dan, izda biss fuq l-i*stock* li raw meta intlahaq il-ftehim attwali dwar il-prezz tal-istess, minghajr ma saret ebda indikazzjoni dwar l-*items* partikolari u l-prezzijiet rispettivi tal-istess oggetti.

Illi ghalhekk fid-dawl ta' dan it-tip ta' ftehim, d-dokumenti li ghamlu l-konvenuti u li gew minnhom esebiti, ma jiswew xejn stante li fl-ewwel lok dawn certament saru mhux biss wara li intlahaq il-ftehim verbalment, izda wkoll wara li l-istess ftehim gie redatt in iskritt, li minnu jirrizulta inkontestat u car li l-istess kunsens tal-partijiet ma kienx suggett ghal din it-tip ta' verifikazzjoni izda biss fuq l-premessa tal-*istock* materjali u attwalment ezistenti fl-istess hanut, u fit-tieni lok tali dokumenti qatt ma kellhom jaghmlu parti mill-istess ftehim.

Illi dan qed jinghad apparti l-fatt li tali dokumenti bla data, mhux certifikati, u maghmulin *ex parte* u minghajr l-assistenza jew participazzjoni tal-attur/i lanqas necessarjamemt juru b'mod konkludenti li dak hemm indikat huwa l-i*stock* kollu li l-partijiet ftehmu dwaru u li hallew imsakkar fil-hanut, hekk kif sar il-ftehim, ghaliex meta sar dan l-esercizzju l-konvenuti biss kellhom kontroll tal-istess *stock,* minghajr ebda mezz ta' verifika da parte tal-atturi.

Illi jinghad ukoll li fl-opinjoni ta' din il-Qorti jirrizulta li l-ftehim dwar l-istess *stock* ma sarx fi zmien jumejn kif sostna l-konvenut Jesmond Xerri, izda sar wara diversi negozjati bejn l-attur u l-konvenuti, u partikolarment Simon Scerri, fejn almenu ghaddew diversi gimghat sakemm l-istess ftehim gie redatt in iskritt fl-4 ta' Marzu 1996, u f'dan l-aspett ix-xhieda tal-attur hija korroborrata in pjen mill-istess attrici, u fejn il-konvenut Simon Scerri spezzjona l-istess *stock* almenu tlett darbiet.

Illi l-Qorti tinnota wkoll li fil-fatt it-trattivi saru iktar ma Simon Scerri milli mal-konvenut l-iehor, izda stranament kien biss Jesmon Xerri li xehed f'din il-kawza, u l-istess Simon Scerri fl-ebda stadju ma ressaq il-versjoni tieghu la *viva voce* u lanqas bil-procedura tal-affidavit.

Illi l-ewwel lamentela tal-konvenuti kienent tikkonsisti fl-allegazzjoni li f'dan il-ftehim tal-bejgh tal-*istock* kien hemm inkluz ukoll l-ghamara kollha li kien fl-istess hanut, li wara irrizulta li parti sostanzjali minnha kienet ta' terzi, tant li l-istess konvenuti qed isostnu li kellhom ihallsu l-ammont ulterjuri ta' Lm1,200 lill-Charles Micallef, li kien sid tal-post ghall-istess ghamara tieghu li kienet fil-hanut.

Illi dwar dan l-atturi ssostnew li l-ftehim li intlahaq kien biss jinkludi l-ghamara li kienet taghhom li kienet tinsab fl-istess hanut, tant li meta kienet qed issir l-iskrittura u n-Nutar maghzul mill-konvenuti kien qed jiddetta lis-segretarju tieghu it-termini tal-istess skrittura, l-attur attira l-attenzjoni tan-Nutar li mhux l-ghamara kollha li kien hemm fil-hanut kienet qed tinbiegh ghaliex kien hemm ghamara li kienet ta' Charles Micallef, tant li kif wara l-kuntratt marru fil-hanut l-istess attur indika lill-konvenuti liema kienet l-ghamara tat-terz imsemmi. Din ma kienitx l-unika okkazzjoni ghaliex xi jiem wara l-atturi gew mitluba ghall-darba ohra mill-konvenuti sabiex jindikaw l-ghamara ta' Charles Micallef u fil-fatt hekk sar, ghalkemm kellu jmur ukoll Charles Micallef li pero' baqa' ma marx.

Illi din ix-xhieda ghall-darba ohra tinsab ikkorroborata mill-attrici li sostniet ukoll li qabel ma bdew jiddiskutu ghand in-

Nutar, l-konvenut Jesmond Xerri ipprova jcempel lill-Charles Micallef sabiex immur hdejhom sabiex jikkonferma ghand in-Nutar liema ghamara kienet tieghu, pero' ma sabuhx u ghalhekk baqghu mexjin bil-ftehim. Wara lin-Nutar qaltlu li gja kienet uriet lill-konvenuti liema kienet l-ghamara li kienet taghhom, u fil-fatt wara l-istess ftehim, indikat lill-konvenuti tali ghamara, u dan apparti l-okkazzjoni l-ohra imsemmija mill-attur, fejn kellu jigi wkoll Charles Micallef li baqa' ma giex.

Illi min-naha l-ohra l-konvenut Jesmond Xerri sostna li kien biss wara li hargu mill-hanut li l-atturi sostnew l-ewwel darba li kien hemm xi ghamara ta' terzi, pero' l-konvenut ma tax hafna kaz ghaliex skond huwa *"dak dikjarat fl-iskrittura kien jissalvagwardja l-posizzjoni tieghi".* Peress li kien ser jaghmel il-kuntratt tal-akkwist tal-fond fis-sena 1997 u ghalhekk kien f'kuntatt ma Charles Micallef, dan qallu b'ittra tal-15 ta' Jannar 1997 li ried jithallas ukoll tal-ghamara tieghu, li skond l-konvenuti kienu gia hallsu ghaliha lill-atturi, u ghalhekk kellu jiftiehm biex ihallas ghall-istess ghamara, kif fil-fatt ghamel bi skrittura datata 17 ta' April 1998 fis-somma ta' Lm1,250.

Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti, l-versjoni tal-konvenuti lanqas taht dan l-aspett ma tista' tigi accettata, stante li l-atturi kienu kategorici li l-ghamara inkluza fil-ftehim mal-istess konvenuti (lanqas hawn specifikata) kienet biss dik appartenenti lilhom, u dan kien carissimu ghall-istess konvenuti, kemm bl-interventi li l-atturi ghamlu quddiem l-istess Nutar, u kemm mill-fatt li ezatt wara l-istess kuntratt l-atturi indikaw ukoll bi preciz l-ghamara appartenenti lill-istess Charles Micallef. *Di*

*piu`* ftit jiem wara sar inkontru iehor fejn giet ripettuta l-istess dimostrazzjoni, li kellha issir fil-presenza ta' Charles Micallef, li pero' baqa' ma deherx, pero' inzammet fl-assenza tieghu bejn il-partijiet odjerni.

Illi certament li kieku l-versjoni tal-konvenuti kienet korretta, dan ma kienx hemm ghalfejn issir, izda stranament dwar dawn iz-zewgt' avvenimenti l-konvenuti huma ghal kollox siekta, qishom qatt ma graw.

Illi pero' dawn in verita' sehhew u konferma ta' dan hija id-dikjarazzjoni tal-istess Nutar Carmel Martinelli maghmula minnu fil-21 ta' Dicembru 1996 (Dok. "B" - fol.60) u ikkonfermata bil-gurament tieghu fl-14 ta' Ottubru 1999 (fol.57) fejn sostna li:-

*"niddikjara b'riferenza ghall-kitba privata datata 4 ta' Marzu 1996 bejn … … … … … … … … li Gerald Formosa fuq il-ftehim fuq indikat kien iddikjara verbalment u b'mod car li mill-oggetti li hu halla fil-hanut "May", f'Saint Francis Street, Hal Balzan dakinhar tal-ftehim, hu biegh biss dawk li jappartjenu lilu.*

*Gerald Formosa kien indika b'mod car lil parti l-ohra liema oggetti kienu proprjeta' tieghu u liema ta' haddiehor. Ix-xerrejja kienu accettaw din il-kjarifika.*

*Simon Scerri u Jesmond Xerri - li hadu l-hanut b'kera minghand Charles Micallef - kienu ftehmu mieghu biex jigu identifikati liema oggetti li thallew fil-hanut jappartjenu lilu u*

*liema oggetti kienu ta' Gerald Formosa. Gerald Formosa kien mar biex jidentifika hwejgu. Charles Micallef ma resaqx biex issir dan l-esercizzju".*

Illi fid-dawl ta' din id-dikjarazzjoni u xhieda, ma hemm l-ebda dubju fl-opinjoni ta' din il-Qorti, li l-versjoni tal-istess konvenuti qatt ma tista' tigi accettata, ghaliex hija ghal kollox kontradetta mix-xhieda tal-istess Nutar, li jikkorrobora sal-inqas dettal il-versjoni tal-atturi.

Illi dan huwa iktar sinifikanti meta wiehed iqis li l-istess Nutar tqabbad mill-konvenuti sabiex jirredigi il-ftehim bejn il-partijiet tal-4 ta' Marzu 1996, u dak ghall-uzu tal-istess fond ghall-sena mal-istess Charles Micallef datat 6 ta' Marzu 1996 (Dok. JS 1" - fol. 81) fejn anke inhadet opzjoni mill-konvenuti ghall-bejgh tal-istess fond fi zmien sena bil-prezz ta' Lm10,480. Mela jidher li dak li sostnew l-atturi, ikkorroborat min-Nutar Martinelli, huwa hafna iktar verosimili, u juri li l-konvenuti kienu konxji li l-unika ghamara li xtraw minghand l-atturi kienet biss dik appartenenti lilhom, u dan ghaliex kienu informati b'dan mill-istess atturi, kemm qabel il-kuntratt bejniethom, waqt il-kuntratt, u anke wara l-kuntratt, fejn safrattant tkellmu wkoll ma Charles Micallef sabiex sar l-ftehim mieghu ftit jiem wara fis-6 ta' Marzu 1996, u wara wkoll ftehmu biex jiltaqghu sabiex issir verifika ta' dak li qalilhom l-attur ukoll ma Charles Micallef, li pero' ma attendiex.

Illi fil-fatt l-istess konvenut Jesmond Xerri qed isostni li huwa xtara l-ghamara minghand Charles Micallef, kif jirrizulta mill-

iskrittura privata datata 17 ta' April 1997 (dokument "JS 7"), pero' jigi nnutat li Charles Micallef lanqas tressaq bhala xhud, u ghalhekk il-versjoni tal-istess Nutar Carmel Martinelli bl-ebda mod ma giet kontradetta, anzi mill-provi prodotti tirrizulta ppruvata.

Illi jinghad li f'dan l-isfond kollu jirrizulta li l-ftehim bejn il-partijiet kien principalment fuq l-*istock* ezistenti fuq l-istess hanut, tant li l-istess prezz pattwit gie ibbazzat esklussivament fuq l-istess, u l-ghamara bhal l-affarijiet l-ohra, kienu biss accessorji ghall-oggett principali tal-istess ftehim, u kien ghalhekk li d-dicitura fl-istess ftehim tal-istess 4 ta' Marzu 1996 forsi ma hijiex daqshekk felici rigwardanti "*l-oggetti tal-ghamara, mobbli u attrezzi kollha",* u dan ghaliex in-Nutar li idderigieh fehem kif fil-fatt inghad mill-partijiet quddiemu li l-oggett tal-istess ftehim kien primarjament il-bejgh tal-istess *stock* u ghalhekk kollox intrabat mieghu.

Illi pero' mix-xhieda prodotta u tenut kont tal-istess skrittura, jidher car li l-unika ghamara li kienet parti mill-istess ftehim kienet biss dik appartenenti lill-atturi u mhux dik proprjeta' ta' terzi kif l-istess konvenuti kienu gew murija diversi drabi kemm qabel, waqt u wara l-istess kuntratt, b'dan ghalhekk li din il-Qorti ma ghandha l-ebda dubju li l-ghamara dak in-nhar appartenenti lill-Charles Micallef qatt ma kienet oggett tal-istess ftehim.

Illi ghalhekk abbazi ta' dan kollu din l-eccezzjoni lanqas tista' tigi milqugha.

Illi rigward l-ewwel eccezzjoni jirrizulta li fil-mori tal-kawza sar pagament ulterjuri ta' Lm3,300 mill-konvenuti lill-atturi, u ghalhekk l-bilanc rejalment dovut huwa dak ta' Lm1,700, kif jinsab ikkonfermat mill-affidavit ta' Gerald Formosa fl-affidavit tieghu fil-hames paragrafu a fol. 33 tal-process.

(B) KONTRO-TALBA TAL-KONVENUTI.

Illi l-kontro-talba tal-konvenuti saret stante li l-konvenuti qed jallegaw li tali ftehim kien jinkludi bejgh ta' ghamara ta' terzi u b'hekk l-atturi naqqsu li jiggarantixxu l-pacifiku pussess ghar-rigward tal-istess u talbu li jigu likwidati id-danni minhabba l-istess.

Illi din il-Qorti taghmel riferenza ghal dak kollu li inghad aktar il-fuq dwar l-istess ghamara fil-konfront tal-ftehim tal-4 ta' Marzu 1996, u konsegwenza tal-istess hawn fuq premess, jinghad li mill-provi prodotti jirrizulta li l-unika ghamara inkluza f'tali negozju bejn il-partijiet kienet dik appartenenti lill-istess atturi, u ghalhekk l-istess talba tal-konvenuti hija infondata fil-fatt u fid-dritt, u l-ewwel talba u it-tieni talba, relattiva ghall-istess ghamara ghandha tigi michuda.

Illi it-tieni bazi tal-kontro-talba tal-konvenuti hija dik fejn l-istess konvenuti qed jallegaw li l-i*stock* kien ferm anqas minn dak miftiehem stante li l-atturi kienu accertawhom li l-valur tal-istokk kien ta' Lm14,000 meta skond l-konvenuti l-valur kien biss ta' Lm6,300, u ghalhekk talbu li jigi dikjarat li l-i*stock* fil-hanut kien inferjuri fil-kwantitajiet tieghu ghall-dak pattwit bejn il-kontendenti u ghalhekk talbu li jigi ridott il-prezz bhala

lineja ta' danni fl-istess skrittura u tikkundanna lill-atturi jhallsu l-istess ammont likwidat.

Illi apparti l-fatt li hija pjottosta neboluza l-bazi guridika ta' din l-azzjoni tal-konvenuti tenut kont tal-provedimenti tat-Taqsima II, Titolu VI sub-titolu I "Fuq il-Kuntratt ta' Bejgh" tal-Kap 16, jinghad li tali allegazzjoni lanqas tirrizulta pruvata, kif gia inghad fil-konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti, iktar il-fuq fil-konsiderazzjonijiet maghmula minnha dwar l-azzjoni attrici u l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, stante li jirrizulta car li l-istess ftehim dwar *stock* sar abbazi ta' dak li l-atturi indikaw u l-partijiet raw materjalment bhala ezistenti fl-istess hanut, u salv li l-istess konsideranda jigu applikati ghal din il-kontro-talba, huwa ovvju fic-cirkostanzi, li it-tieni, t-tielet, u r-raba' talba tal-kontro-talba tal-konvenuti ghandhom ukoll jigu michuda.

Illi ghalhekk il-kontro-talba tal-konvenuti ghandha tigi michuda.

## III. KONKLUZZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi fir-rigward tac-citazzjoni attrici, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti, **tilqa' it-talba attrici** limitatament ghas-somma hawn indikata stante pagament ta' parti mis-sorte fil-mori tal-kawza, b'dan li:-

1. Tikkundanna lill-konvenuti  ihallsu lill-atturi s-somma ta' elf u seba' t'elef lira Maltin (Lm1,700)  dovuti bhala bilanc ghall-bejgh ta' *stock* li jikkonsistu f'oggetti li ghandhom x'jaqsmu man-negozju ta' *stationary* u bazaar, oggetti ta' l-ghamara u mobbli u l-attrezzi kollha li kien hemm fil-hanut maghruf bhala "May" f'Saint Francis Street, Hal-Balzan kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijet premessi.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittri ufficjali datati 2 ta' Mejju 1996 u 4 ta' Gunju 1996 u bl-imghaxijiet kummercjali mill-ahhar ta' Mejju 1996 sal-effettiv pagament kontra konvenuti.

Illi konsegwentement u ghal dawn il-motivi, u ghar-rigward il-kontro-talba tal-konvenuti, din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-atturi ghall-kontro-talba tal-konvenuti, **tichad l-istess kontro-talba tal-konvenuti fit-talbiet kollha taghha,** stante li hija infondata fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjez kollha tal-istess kontro-talba a karigu tal-istess konvenuti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**31 ta' Mejju 2001.**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**31 ta' Mejju 2001.**